MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 188/2012

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jurgen Vella)**
**Vs**
**David Farrugia**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant [detentur tal-karta tal-identita` numru 507674M] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli

1. Nhar it-2 ta' Settembru, 2006 u fil-granet u x-xhur ta'qabel, b'diversi atti maghmulin f'hinijiet differenti fil-Gzejjer Maltin, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta nhar it-2 ta' Settembru, 2006, ghall-habta tas-6.30 ta' fil-ghaxija, gewwa l-ex-fabbrika ta' A.C.R.I.S. Containers Ltd, li tinsab fi Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid, bil-hsieb li jaghmel delitt, u cioe' dak ta' serq mill-istess fabbrika, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni

tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta' tieghu, u li kieku sehh dan id-delitt kien ikun kwalifikat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta ta' haga misruqa, ghad-dannu ta' l-Intrapriza Governattiva, Malta Industrial Parks Ltd;

2. U aktar talli nhar is-26 ta' Awwissu, 2006. ikkommetta serq ta' ghaxar pjanci tal-hadid minn gewwa l-ex-fabbrika ta' A.C.R.I.S. Containers Ltd, li tinsab fi Vjal Sir Paul Boffa, Rahal Gdid, liema valur jeccedi l-Lm100.00 ghad-dannu ta' l-Intrapriza Governattiva Malta Industrial Parks Ltd, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bil-lok, u bix-xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 267, 269(d), u 271 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli nhar is-26 ta' Awwissu, 2006, u fil-granet ta' wara, xjentement f'Malta, laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, u xjentement b'kull mod, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom, u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. U aktar talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghu jithassru qatt.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Marzu, 2012, li biha, wara li rat l-artikoli 18, 41, 334, 261, 269, 371, 378, 389 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma sabitx lill-appellant hati tal-addebitu tar-recidiva u minnha lliberatu in kwantu dan ma rrizultax izda sabitu hati tas-serq lilu addebitat u kkundannatu ghal sentejn habs sospizi ghal erba` snin.
Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghditu taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien sentejn, b'dan illi ghal dan l-iskop hatret bhala ufficjal sorveljanti lil Ivan Sultana.
L-appellant ghandu, taht id-direttivi lilu moghtija mill-ufficjal sorveljanti, izomm dak il-kuntatt lilu ndirizzat u mehtieg ma' kull agenzija kontra l-abbuz tad-droga, kif

ukoll illi jobdi d-direttivi tal-ufficjal sorveljanti li jzomm kuntatt mal-psikologista ta’ l-istess agenzija.
Ghandu jkun mifhum mill-istess David Farrugia illi jekk jonqos milli jobdi xi direttiva kif hawn fuq indikat, jiskatta kontra tieghu l-perjodu ta’ habs sospiz. L-ufficjal sorveljanti huwa ordnat illi immedjatament li l-istess David Farrugia jonqos milli jaderixxi ma’ wahda mid-direttivi hawn fuq indikati, jirraporta lil din l-Onorabbli Qorti immedjatament.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-12 ta’ April, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi, filwaqt li tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu mill-akkuza tar-recidiva, tilliberah mill-akkuzi l-ohra kollha ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, jew li fin-nuqqas ta’ dan tnaqqas il-piena nflitta fuq l-appellant u tinfliggi wahda aktar adattata fid-dawl tac-cirkostanzi tal-kaz odjern.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

a. Illi preliminarjament, is-sentenza hija nulla u dan peress illi s-sentenza ma tispecifikax taht liema sub artikolu tal-artikolu 261 u 269 l-appellant instab hati, u dan kontra dak rikjest mill-ligi fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

b. Illi wkoll in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sejbien ta’ htija tal-appellant taht l-artikolu 41 u 334 huwa null u dan peress illi l-Qorti qalet biss illi kienet qed issib l-appellant hati tas-serq lilu addebitat, izda fl-ebda hin ma tghid illi l-appellant kienet qieghed jinstab hati tal-attentat ta’ serq u ricettazzjoni, hekk kif rikjest fl-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali;

c. Illi minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq espost, l-appellant ma setghax jinstab hati ta’ ricetazzjoni fl-ewwel lok ghaliex l-ebda prova f’dan ir-rigward ma giet prodotta quddiem l-Ewwel Qorti u ghalhekk il-htija tal-appellant f’dan ir-rigward ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Inoltre, l-imputazzjoni ta' ricetazzjoni u dik ta' serq huma alternattivi ghal xulxin u ghalhekk l-appellant ma setghax jigi misjub hati taz-zewg imputazzjonijiet meta dawn kienu ibbazati fuq l-istess fatti;

d. Illi l-appellant jissottometti illi l-htija tieghu taht l-akkuza ta' serq li sehh fit-26 ta' Awissu 2006 ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi u dan peress illi ma ngabet l-ebda prova mill-prosekuzzjoni f'dan ir-rigward. Fil-fatt il-provi illi l-Qorti kkonsidrat fis-sentenza taghha jirreferu ghall-akkuza tal-attentat ta' serq tat-2 ta' Settembru 2006 u ghalhekk huwa car illi ma giet prodotta l-ebda prova fir-rigward tal-akkuza ta' serq kontra l-appellant. Ghalhekk huwa kellu jigi lliberat minn din l-akkuza peress illi l-Ewwel Qorti zgur li ma setghetx ikollha konvinciment morali illi l-appellant huwa hati ta' serq;

Illi inoltre, anke li kieku, ghall-grazzja tal-argument biss, l-appellant seta` jinstab hati ta' serq, huwa ma setax jigi misjub hati ta' serq ikkwalifikat peress illi l-kwalifiki msemmija fl-akkuza ma jirrizultawx. Il-kwalifika tal-lok ma tirrizultax peress illi ghalkemm skont l-akkuza, dan is-serq kien ta' dannu ta' intrapriza governattiva bl-isem ta' Malta Industrial Parks Ltd., ma gie prodott l-ebda rapprezentat ta' din l-intrapriza sabiex jixhed u jikkonferma bil-gurament illi l-fabbrika in kwistjoni hija proprjeta` ta' dina l-intrapriza, u lanqas giet prezentata xi tip ta' prova ohra illi tipprova dan sal-grad rikjest mill-ligi.

L-appellant jissottometti wkoll illi l-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa ma tapplikax fil-kaz odjern peress illi l-oggetti allegatament misruqa ma jaqaw taht l-ebda wiehed mit-tip ta' oggetti elenkati fl-artikolu 271.

Illi fir-rigward tal-kwalifika ta' valur, il-Perit George Cilia xehed darbtejn fil-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-valur tal-pjanci allegatament misruqa mill-appellant, fejn l-ewwel indika l-prezz tas-saqaf kollu, u fi stadju ulterjuri x-xhud indika bi stima ohra (a fol 54) il-valur ta' hmistax il-pjanca u l-valur ta' metru kwadru. Jigi sottolineat il-fatt illi l-appellant kien gie akkuzat bis-serq ta' ghaxar pjanci u allura l-valur ma jistax ikun dak li gie indikat mix-xhud fil-proceduri. Barra minn hekk ma ngabet l-ebda prova rigward il-kobor ta' dawn il-pjanci

ghalhekk lanqas seta` jirrizulta il-valur ta' danw il-pjanci skont il-qies taghhom.

e. Illi inoltre, u minghajr pregudizzju, l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi u l-fatti meta sabet lill-appellant hati ta' tentattiv ta' serq kwalifikat bil-valur, bil-lok u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fir-rigward tal-kwalifika tal-lok, jigi umilment sottomess illi ma ngabet l-ebda prova rigward is-sid tal-fabbrika in kwistjoni. Ghalkemm skont l-akkuza, dan l-attentat kien ser ikun ta' dann ta' intrapriza governattiva bl-isem ta' Malta Industrial Parks Ltd., ma gie prodott l-ebda rapprezentat ta' din l-intrapriza sabiex jixhed u jikkonferma bil-gurament illi l-fabbrika in kwistjoni hija proprjeta` ta' dina l-intrapriza, u lanqas giet prezentata xi tip ta' prova ohra illi tipprova dan sal-grad rikjest mill-ligi. Ghalhekk l-appellant kellu jigi lliberat mill-kwalifika tal-lok peress illi din ma gietx pruvata sal-grad rikjest mill-ligi.

Fir-rigward tal-kwalifika tal-valur, l-appellant jissottometti illi l-akkuza ma tindikax it-tentattiv ta' serq ta' kemm il-pjanca kien u ghaldaqstant wiehed ma jistax jistabilixxi valur. Dan ifisser ghalhekk illi l-appellant ma setghax jinstab hati ta' din il-kwalifika.
L-appellant jissottometti wkoll illi l-kwalifika tax-xorta tal-haga misruqa ma tapplikax fil-kaz odjern peress illi l-oggetti li allegatament huwa kien qieghed jipprova jisraq ma jaqaw taht l-ebda wiehed mit-tip ta' oggetti elenkati fl-artikolu 271.

f. Illi dejjem minghajr pregudizzju, l-appellant qatt ma seta` jigi misjub hati taht l-artikoli 18, 371, 389 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex dawn l-artikoli ma jikkontemplaw l-ebda reat illi l-appellant seta jigi misjub hati tieghu.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi l-ex fabbrika tal-ACRIS Containers Limited li tinsab fi Vjal Sir Paul Boffa, Rahal il-Gdid kienet propjeta tal-Malta Industrial Parks illi kienet f'negozjati ma

Disma Attard ghal bejh ta' din il-fabbrika. Dawn in-negozjati jidhru illi kienu success u Attard kien fil-process illi jixtri din il-fabbrika. Il-Hadd 2 ta' Settembru, 2006 ghall-habta tas-6:30 ta' filghaxija Disma Attard u ibnu li wkoll jismu Disma marru l-fabbrika biex jaraw ix-xoghol u hemm sabu lill-appellant David Farrugia, li kienu jafu minn qabel, bi tnalja f'idejh qieghed jaqla l-pjanci mis-saqaf. Ma l-art kien hemm diga madwar tletin (30) pjanca ga maqlughin u stivati. Kien ghalhekk illi Attard cempel lill-pulizija illi gew fuq il-post u sabu lill-appellant ghadu fil-fabbrika jipprova jaqla' xi pjanci ohra. Mistoqsi mill-pulizija ghaliex kien qed jaghmel dan l-appellant qal li nghata permess mit-tifel ta' Dizma sabiex jaqla' dawn il-pjanci. Disma pero' nnega dan il-permess.

Disma Attard, il-missier, xehed illi l-Hadd marru jittawlu ghax xoghol u semghu hoss, semghu l-pjanci qed jiccaqalqu u rraportaw lill-pulizija. Meta dahlu fil-fabbrika sabu wiehed qed izarma l-pjanci u dan kien jafu u ghalhekk gharfu bhala l-imputat illi gie mixli b'dawn l-akkuzi. Qal illi kienu qed jinqalghu xi pjanci mill-fabbrika u dawna ma kienux tieghu izda ta' l-MDC. Il-Perit George Cilia adett mal-Malta Industrial Parks l-ex MDC stima l-pjanci illi kien hemm fis-saqaf tal-fabbrika fil-prezz li jvarja bejn erbat elef u hames mitt Lira (LM4,500) sa hamest elef u hames mitt Lira (LM5,500) bhala valur ta' scrap. Bhala valur ta' l-affarijiet misruqa, dawna gew stmati tliet mija u hamsin Lira (LM350) jew tliet mija u sittin Lira (LM360), dana fil-konfront ta' hmistax (15) il-pjanca li kienu ttiehdu minn mas-saqaf.

Fis-Sentenza taghha tat-30 ta' Marzu, 2012 il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontra tieghu hlief dik tar-recidiva u kkundannatu ghal sentejn habs sospizi ghal erba' snin.

Minn din is-Sentenza l-appellant hassu agravat, epixxa primarjament li n-nullita tas-Sentenza peress illi ma tispecifikax taht liema sub Artiklu ta' l-Artiklu 261 u 269 l-appellant instab hati u li dan kien kontra dak rikjest mill-Ligi fl-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali.

Qabel mal-Qorti tkompli biex tiddisponi mill-bqija ta’ l-agravji ta’ l-appellant ikun utli illi tiddisponi minn dan l-agravju preliminari.

Ikkunsidrat.

L-appellant qed jilmenta mill-fatt illi l-Qorti tal-Magistrati ma semmietx is-sub Artikli minnha kkwotat u allega illi dan jmur kontra l-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk is-Sentenza hija nulla.  Din il-Qorti ma taqbilx u l-Qrati taghna kellhom diversi okkazjonijiet sabiex jippronunzjaw ruhhom fuq dan il-punt u jghidu li ma hemmx ghalfejn illi l-Qorti ssemmi d-diversi sub Artikli jew paragrafi.  Fil-fatt fil-kawza Il-Pulizija kontra Joseph Farrugia deciza fit-13 ta’ Jannar, 1995 il-Qorti qalet, “L-Artiklu 382 tal-Kodici Kriminali jghid li s-Sentenza ghandu jkun fiha l-Artiklu tal-Ligi li jikkontempla r-reat, u din l-espressjoni giet dejjem interpretata fis-sens li jekk Artiklu jew Regolament ikun fih diversi sub Artikli jew Paragrafi, hu bizzejjed li jigi ndikat l-Artiklu jew ir-Regolament minghar il-htiega ta’ ndikazzjoni tas-sub Artiolu jew Paragrafu.”  Dan hu bizzejjed sabiex iwiegeb ghall-ilment ta’ l-appellant u din il-Qorti bla tlaqlieq tiddeciedi illi ma tilqax din l-eccezzjoni preliminari ta’ nullita mqajma mill-appellant fir-rikors ta’ l-appell tieghu.

Fost l-aggravji l-ohra li kellu l-appellant ilmenta dwar l-istqarrija u dana qal illi peress illi l-appellant ma kienx assistit minn avukat fil-bidu ta’l-arrest tieghu allura f’dan il-kaz l-istqarrija ma kelliex tittiehed in konsiderazzjoni.

Ikkunsidrat.

Illi dana huwa propju illi ghamlet l-ewwel Qorti illi gie rikonoxxut mill-istess appellant fil-kors ta’ l-appel tieghu meta forst affarijiet ohra jghid illi, “L-ewwel Onorabli Qorti jidher illi nlinja mal-gurisprudenza ricenti tal-Qrati taghna uzat id-deskrizzjoni taghha u ghazlet illi ma hiehux konjezzjoni ta’ din l-istqarrija kif jidher illi mill-fatt illi ebda accenn ghal kontenut taghha ma sar fis-Sentenza.”  L-istess se taghmel din il-Qorti u minghar ma tordna l-isfilz ta’ l-istqarrija mhijiex sejra taghti kaz il-kontenut taghha.

Fil-bqija ta' l-aggravji tieghu l-appelant qed jilmenta illi ma ngabet ebda tip ta' prova kontra l-istess appellant, dana 'l ghaliex ma giex ippruvat li l-pjanci kienu propjeta tal-Gvern, kemm jiswew u di piu, illi gie addebitat l-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa metri l-pjanci ma jaqghux taht dik il-kategorija.

Il-Qorti ssib illi l-unika agravju illi jisthoq li jkun milhuq huwa dak li l-pjanci nkwistjoni ma jaqghux taht l-agravju tax-xorta tal-haga misruqa u l-appellant ma kellux jinstab hati ghal dan l-agravju mill-ewwel Qorti, pero' mill-bqija l-Qorti ssib illi saru l-provi kollha necessarji sabiex jikkollega lill-appellant ma dawn l-akkuzi. Jibda biex jinghad illi l-appellant inqabad "in flagrante" bi tnalja f'idejh jipprova jaqta' l-pjanci, jistivahom halli mbaghad johodhom aktar tard. Gie ppruvat li l-fabbrika kienet propjeta tal-Malta Industrial Parks ente Governattiva kif ukoll li l-valur tal-pjanci li kienu ga stivati u dawk illi kienu ghadhom fis-saqaf. Bhall-ewwel Qorti din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju dwar il-htija ta' l-appellant, dan pero' qieghed jitlob ghar-revizjoni tas-Sentenza peress illi dak iz-zmien kien dipendenti hafna fuq id-droga u ghalhekk issa li qieghed fi triq it-tajba jimmerita illi jinghata "a window of opportunity" sabiex ikompli ghaddej f'din it-triq.
Ikkunsidrat.

Wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ssib illi din it-talba diga saret quddiem l-ewwel Qorti fejn fuq talba tad-difiza gie redatt "Social Inquiry Report" li fih irrizulta illi l-appellant ma riedx jikkopera. L-istess il-Probation Officer, Victoria Scicluna dwar l-andament ta' l-appellant xejn ma tat stampa posittiva u fl-ahhar spiccat biex qalet illi ghalkemm kellu hafna offerti ta'ghajnuna bhal dik ta' Pskologista, l-appellant irrifjuta illi jikkopera u qalet illi sa kemm issir analizi psikologika ta' l-appellant ma kellux jibda programm ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga. Mill-bqija l-Qorti ssib illi d-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati kienet wahda ragunevoli u legalment korretta u ghalhekk mhux il-kaz illi tigi disturbata hlief ghal varjazzjoni zghira fil-piena mhabba li

l-appellant ma kellux jinstab hati ta’ l-agravju tax-xorta tal-haga misruqa.

Ghalhekk ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u dicceciedi illi tilqa’ in parti l-appell u filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn illiberat lill-appellant mill-akkuza ta’ recidiva tikkonfermha fejn sabitu hati ta’ l-akkuzi l-ohra kollha b’dana illi tirriforma din is-Sentenza fis-sens illi l-appellant ma kellux jinstab hati ta’ l-agravju tax-xorta tal-haga misruqa u ghalhekk tirriforma s-Sentenza appellata fis-sens illi li tvarja biss it-terminu tas-sospenzjoni ta’ sentejn habs li flok erba’ snin isiru tliet snin, bil-kundizzjonijiet l-ohra mposti fl-istess Sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------